# Beata Ġdida Karmelitana Madre Maria Crocifissa Curcio



**kitba ta' Joe Chectcuti**

Fl-24 ta' April ta' din is-sena (2005) l-Papa bbeatifika lil Madre Maria Crocifissa Curcio, il-fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Karmelitani missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù. Dawn is-Sorijiet Karmelitani issa qabdu sewwa fil-gżejjer tagħna. Għandhom dar f'Birkirkara u żewġt idjar ġewwa Għawdex, fil-Victoria u f'Kerċem. Fil-Victoria jmexxu dar ta' l-anzjani u f'Kerċem imexxu skola primarja b'numru sabiħ ta' klassijiet.

Madre Maria Crocifissa twieldet fil-Provinċja ta' Ragusa fi Sqallija fis-sena 1877 u mietet fis-sena 1957, jiġifieri fl-età ta' 80 sena. Impossibbli ngħid kollox f'artiklu żgħir bħal dan dwar il-ħajja wisq attiva tal-madre u l-ispiritwalità profonda tagħha. Ngħid dan biss: ħabat tajjeb li l-beatifikazzjoni ta' Madre Curcio qed issir fis-sena ddedikata lill-Ewkaristija, għax il-Madre kienet tabilħaqq Ruħ Ewkaristika. Hija kienet ta' spiss ittambar mas-sorijiet tagħha biex huma wkoll ikunu Erwieħ Ewkaristiċi. Kienet tħeġġiġhom biex iżommu dejjem qalbhom b'adorazzjoni lill-Ostja ta' l-imħabba mhux biss meta jkunu fil-kappella jew waqt it-talb imma anke fuq ix-xogħol u fil-post fejn ikunu jwettqu dmirijiethom.

Madre Crocifissa kienet tisħaq ukoll biex is-sorijiet tagħha jkunu Erwieħ Riparatriċi – mhux biss biex ipattu għan-nuqqasijiet individwali tagħhom, imma wkoll għan-nuqqasijiet u dnubiet li jsiru fid-dinja kollha. Naraw x'kitbet f'ittra ċirkolari lis-sorijiet tagħha li ġġib id-data tas-7 ta' April 1948. Kitbet hekk:

*Noffru lilna nfusna bħala vittmi għall-paċi fid-dinja. Għeżież uliedi, kunu afu li d-dinja tinsab f'taqlib kbir u nistennew diżastri kbar. Għaldaqstant ikun sewwa li nagħmlu talb ta' riparazzjoni mhux biss aħna imma l-insara Kattoliċi kollha, biex il-Verġni Mbierka tħarisna minn periklu hekk kbir.*

Madra Crocifissa kellha nkwiet u xogħol iebes ħafna biex irnexxielha tikseb l-għarfien uffiċjali tal-Knisja għall-Kongregazzjoni tagħha. Mhux darba u tnejn l-eżistenza ta' l-Għaqda ta' Madre Curcio kienet fix-xifer li tisfaxxa u żżarma. Imma kif, ġeneralment jiġri, meta ħaġa tkun ġejja minn Alla, mhux kollox ikun ward u żahar, jinħolqu problemi u buffuri ta' riħ kuntrarju. Saħansitra kien hemm ċirkostanzi fejn l-isqof ta' Modica kien qalilha biex iżżarma l-Għaqda Karmelitana tagħha u kollha kemm huma jingħaqdu mas-Sorijiet Dumnikani ta' Ispica. Naturalment, din il-ħaġa Alla ma ridhiex u allura ma seħħitx.

Min-naħa l-oħra, Madre Crocifissa sabet għajnuna kbira minn wieħed patri ta' nisel Olandiż, imma li kien jgħix Ruma. Dan kien Lorenzo van den Eerenbeemt, Patri Karmelitan u professur ta' l-Iskrittura fil-Kulleġġ Internazzjonali San Albert. Dawn it-tnejn, Madre Curcio u Patri Lorenzo ħabirku u stinkaw mhux ftit biex il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Karmelitani Missjunarji ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù tissaħħaħ, tikber, tiffjorixxi u anke tinxtered ma' numru ta' pajjiżi fid-dinja, bħalma huma l-Afrika, il-Brażil, il-Filippini, l-Italja, il-Kanada u r-Rumanija.


DOTA **Framemakers**
**est. 1985**
**191, Żabbar Road, Fgura PLA 07 • Tel: 21 690933**
**Quality • Service • Price**
**Under 1 Roof**
Mondays closed, Wednesdays and Saturdays mornings only